MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 414/1992/1

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 20 ta' April 1992 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-konvenuta martu rrendiet ruhha hatja versu l-attur zewgha ta' thedded, eccessi, mohqrija w ingurji gravi u per konsegwenza l-konvivenza bejniethom, iheddid u abbandun, *oltre* li z-zwieg ta' bejniethom ilha zmien li saret impossibli;

Illi l-attur gie awtorizzat jistitwixxi din il-kawza b' digriet moghti mis-Sekond' Awla ta' din il-Qorti fit-30 ta' Marzu 1992 (Dok. "A");

Illi, l-istess attrici tablet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tigi dikjarata s-separazzjoni legali u personali bejn il-kontendenti, b' tort unikament taghha u konsegwentement l-attur jigi awtorizzat jghix separat minn maghha *a mensa et thoro*;

2. Tigi l-istess konvenuta dikjarata li ddekadiet mid-dritt tal-manteniment minghand l-attur;

3. Tigi dikjarata xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;

4. Tigi likwidata l-istess komunjoni tal-akkwisti u maqsuma f' zewg partijiet mhux necessarjament ugwali u whada minn dawn il-partijiet tigi assenjata lill-attur u l-ohra lill-konvenuta b' tali mod li, jekk ikun il-kaz, il-konvenuta titlef kull jhedd li ghandha ghan-nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru l-aktar bil-hidma tal-attur;

5. Jigi nominat nutar pubbliku biex jippubblika l-att ta' divizzjoni opportun fil-jum, hin u lok li jigi wkoll ffissat minn din il-Qorti;

6. Jigi nominat kuratur biex jirrappresenta l-kontumaci fuq l-istess att;

7. Jigu applikati kontra l-konvenuta interament il-kumplament tal-effetti kontemplati fl-**artikoli 51 u 55 tal-Kodici Civili (Kap. 12);**

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenuta li minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti minn fol. 3 sa fol. 5 tal-process;

Rat id-dokumenti esebiti nkluz id-Digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili fejn l-attrici nghatat Lm60 manteniment fil-gimgha.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta B datata 17 ta’ Gunju 1992 a fol. 12 tal-process fejn ecipit bir-rispett:-

1. Illi huwa fatt illi l-konvivenza bejn il-kontendenti m’ ghadhiex aktar possibbli izda dan minhabba tortijiet tal-attur u mhux tal-eccipjenti. Di fatti l-eccipjenti gia’ ntavolat hi wkoll proceduri ta’ separazzjoni kontra zewgha (Cit. Nru. 454/92RCP) u ghalhekk iz-zewg azzjonijiet ghandhom jimxu flimkien;

2. Illi salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta B u l-lista tax-xhieda a fol. 12 u 13 tal-process.

Rat il-verbal datat 26 ta’ Gunju 1992, fejn il-partijiet ghamlu referenza ghal kawza fl-ismijiet inversi **Cit. Nru. 454/92** u jaqblu li l-provi kollha li jingabru f’ din il-kawza **Cit. Nru. 414/92** jkunu applikabbli wkoll ghall-kawza l-ohra **Cit. Nru. 454/92.**

Rat il-verbal datat 13 ta’ Novembru 1992, fejn il-Qorti rrelevat li n-nota tal-eccezzjonijiet mhix fil-process ghalkemm hemm dokument li jindika li n-nota tal-eccezzjonijiet giet prezentata. Il-Qorti ordnat lil Assistent Registratur biex jiehu passi halli din in-nota tiddahhal fil-process. Dr. Lofaro jiddikjara li ghandu l-affidavit tal-attur lesti u kien ser jipprezenthom il-gimgha ta’ wara.

Rat in-nota tal-attur datata 20 ta’ Novembru 1992, a fol. 17, li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu stess.

Rat in-nota tal-attur datata 25 ta’ Jannar 1993, a fol. 53, li permezz taghha esebixxa l-affidavit ta’ Joseph Grech u l-affidavit ta’ Ferdinand Grech.

Rat in-nota tal-attur datata 1 ta' Frar 1993, a fol. 60, li permezz taghha esebixxa l-affidavit ta' Miriam u Paul Portelli.

Rat il-verbali datati 2 ta' Frar 1993 fejn id-difensuri tal-partijiet ghamlu refereneza ghall-kawzi Cit. Nru: 454/92 u Cit. Nru. 513/92 bejn l-istess kontendenti u qablu li l-provi kollha li jingiebu f' kull wahda minn dawn il-kawzi jkunu jaghmlu stat u japplikaw anke ghall-kawzi l-ohra. Id-difensuri talbu aktar zmien biex jipprezentaw affidavit bix-xhieda minnhom indikati.

Rat in-nota tal-konvenuta B datata 19 ta' Frar 1993, a fol. 67, li permezz taghha rriservat li tikkontroezamina lill-attur u lix-xhieda Joseph Grech, Ferdinand Grech, Miriam u Paul Portelli.

Rat il-verbal datat 23 ta' Marzu 1993.

Rat ir-rikors tal-konvenuta datat 14 ta' April 1993, a fol. 69 fejn talbet bir-rispett li din il-Qorti joghgobha taghti provvediment opportun fl-interess tal-andament tal-kawza biex l-istess ma jigix imfixkel kapriccjosament.

Rat id-digriet datat 15 ta' April 1993, a fol. 70 fejn il-Qorti ordnat in-notifika tal-kontro-parti b' sitt (6) ijiem zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-attur A datata 26 ta' April 1993, a fol. 71 u fol. 72.

Rat id-digriet datat 12 ta' Mejju 1993, fejn il-Qorti ordnat li jidhru l-partijiet u d-difensuri fl-udjenza li kien imiss halli jigi stabbilit liema kienu l-beni li kellhom jinqasmu.

Rat in-nota konguntiva tal-kontendenti datata 6 ta' Mejju 1993 a fol. 75 u fol. 76.

Rat il-verbal datat 26 ta' Mejju 1993.

Rat in-nota tal-konvenuta B datata 1 ta’ Settembru 1993, a fol. 80 li permezz taghha esebit l-affidavit taghha rigward ix-xhieda ta’ Joseph Grech, Ferdinand Grech, Maria Baldacchino, Silvana Bartolo, Claudia Cassar, Gemma Mangion, Miriam u Paul konjugi Portelli.

Rat in-nota tal-attur datata 6 ta’ Settembru 1993 a fol. 96.

Rat in-nota tal-attur datata 1 ta’ Ottubru 1993 a fol. 97a, li permezz taghha esibixxa l-affidavit ta’ John Tonna.

Rat ir-relazzjoni tal-Arkitett u Inginier Civili Michael A. Refalo minn fol. 105 sa fol. 105A7.

Rat in-nota tal-attur datata 7 ta’ Ottubru 1993 a fol. 105A9 li permezz taghha esibixxa affidavit ulterjuri tieghu.

Rat il-verbal datat 8 ta’ Ottubru 1993.

Rat in-nota tal-konvenuta B, datata 8 ta’ Novembru 1993, li permezz taghha esibit l-affidavit taghha b’ risposta ghal dak li ddepona John Tonna fl-affidavit tieghu.

Rat il-verbal datat 23 ta’ Novembru 1993.

Rat il-verbal datat 7 ta’ Dicembru 1993, fejn dehret Dr. Abgail Lofaro ghall-attur li ghamlet referenza ghar-rikors prezentat mill-konvenuta fil-25 ta’ Novembru 1993 dwar in-nomina ta’ perit tekniku fil-kawza **Cit. Nru. 454/92** fl-ismijiet inversi irrilevat li kienet min-naha taghha prezentat rikors fis-6 ta’ Dicembru 1993 u ddikjarat li ma kinitx toggezzjona *purche’* tigi milqugha t-talba taghha b’ dan it-tieni rikors. Dr. Philip Sciberras ghall-konvenuta ghamel referenza ghar-rikors prezentat mill-attur fis-6 ta’ Dicembru 1993 u rrileva illi ma jaqbilx mat-talba ghal tlett (3) ragunijiet:-

1. illi l-kera provenjenti mill-hanut mikri lil Godwin Giusti hu proprjeta’ parafernali tal-mara;

2. illi l-attur A ghandu introjtu ta’ mill-anqas tlettax-il elf lira maltija (Lm13,000) fis-sena f’ renti;

3. illi mid-data tad-digriet tas-Sekond' Awla l-istess A ma hallasx lill-attrici l-ebda parti mill-manteniment iffissat ta' sittin lira maltin (Lm60) fil-gimgha (id-digriet moghti fl-1991) u dan ghaliex l-attrici kienet lahqet inkassat xi flus tar-renti.

Il-Qorti rrilevat li kienet ser tipprovdi kameralment dwar l-imsemmija rikorsi.

Rat ir-rikors tal-attur A datat 6 ta' Dicembru 1993, a fol. 141, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tordna illi l-perit tekniku jithallas mill-imsemmija flus depositati u li se jigu depositati liema flus jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejnu u martu.

Rat id-digriet datat 21 ta' Dicembru 1993, fejn il-Qorti ordnat lir-rikkorrenti jwiegeb fi zmien sitt (6) ijiem dwar id-dikjarazzjoni li l-fond mikri lil Giusti hu proprjeta' parafernali ta' B.

Rat ir-risposta tal-attur A, datata 10 ta' Jannar 1994, a fol. 145.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 16 ta' Ottubru 1995, fejn talbet bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti biex tordna lill-konvenut ihallas almenu l-manteniment iddekretat mis-Sekond' Awla ta' sittin Lira Maltin (Lm 60) fil-gimgha.

Rat ir-rikors tal-attur A, datat 17 ta' Frar 1994, a fol. 150 fejn talab bir-rispett kollu illi din l-Onorabbli Qorti tghaddilu l-files bid-dokumenti u pjanti kollha sabiex ikun jista' jamministra sew il-komunjoni tal-akkwisiti.

Rat id-digriet datat 18 ta' Frar 1994, fejn il-Qorti ordnat lir-rikorrenti biex jindika permezz ta' nota liema huma d-dokumenti in kwistjoni u dan bid-dettajli relattivi.

Rat ir-risposta tal-konvenuta B, datata 28 ta' Frar 1994, a fol. 154 u fol. 155.

Rat il-verbal datat 1 ta’ Marzu 1994, fejn Dr. Pierre Lofaro ghall-attur informa lil Qorti li l-attur kien ser ihallas ir-rapport peritali. Dr. Sciberras ghall-konvenuta ghamel referenza ghar-rikors tas-17 ta’ Frar 1994 u kkonferma li kien prezenta risposta opportuna u Dr. Lofaro esebixxa lista kif mitlub fid-digriet tat-18 ta’ Frar 1994.

Rat in-nota tal-attur A, a fol. 162 tal-process.

Rat il-verbal datat 23 ta’ Marzu 1994, fejn il-Perit Tekniku AIC Michael Angelo Refalo kkonferma r-rapport.

Rat il-verbal datat 4 ta’ Mejju 1994, fejn Dr. Abigail Lofaro ghall-attur informat lil Qorti li mill-ahhar differiment il-konvenuta kienet irritorant xi dokumenti minn fost dawk id-dokumenti rikjesti fir-rikors tal-attur prezentat fis-17 ta’ Frar 1994 u ddikjarat li l-attur ma kellux aktar affidavit x’ jipprezenta.

Rat il-verbal datat 3 ta’ Gunju 1994, fejn il-Qorti rrilevat li din il-kawza setghat tkun twila hafna. Gie nominat Dr. Joseph Micallef Stafrace bhala Perit Legali.

Rat il-verbal datat 17 ta’ Gunju 1994, fejn Dr. Philip Sciberras ghall-konvenuta nforma lil Qorti li ried jaghmel kontro-ezami tax-xhieda kollha ndikati *oltre* li kellu xhieda godda. Il-Qorti osservat li l-kawza kienet sejra titwal hafna b’ hekk issolecat lil Perit Legali w ordnatlu jiffisa sejre ta’ seduti u fil-kaz ma jsirx progress kellu jinforma lil Qorti fl-udjenza li kien imiss halli jittiehdu l-provvedimenti opportuni.

Rat ir-rikors tal-attur A datat 19 ta’ Ottubru 1994, a fol. 170, fejn billi l-konvenuta kienet oggezzjonat ghan-nomina tal-Perit Legali Dr. Joseph Micallef Stafrace, l-attur talab bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti biex taghti il-provvedimenti li jidhrilha xierqa w opportuni f’ dan il-kaz.

Rat id-digriet datat 21 ta’ Ottubru 1994, a fol. 172, fejn il-Qorti ordnat li tali rikors jigi komunikat lil Perit Legali w irriservat li tipprovdi fl-udjenza li kien imiss.

Rat il-verbal datat 9 ta’ Novembru 1994, fejn il-Qorti ghamlet referenza ghar-rikors tal-konvenuta datat 22 ta’ Gunju 1994 dwar is-sotituzzjoni tal-Perit Legali. Dr. Lofaro rrimettit ruhha u l-Qorti ssotitwit lil Dr. Joseph Micallef Stafrace b’ Dr. Miriam Hyman.

Rat il-verbali datati 31 ta’ Jannar 1995, 5 ta’ April 1995, 6 ta’ Gunju 1995, 28 ta’ Gunju 1995 u 15 ta’ Novembru 1995.

Rat il-verbal datat 24 ta’ Jannar 1996, fejn il-Perit Legali nfurmat lil Qorti li l-attur ma kienx fadalu wisq provi.

Rat il-verbal datat 26 ta’ Marzu 1996.

Rat in-nota tal-attur datata 26 ta’ Jannar 1996, a fol. 182, li permezz taghha prezenta affidavit tieghu stess.

Rat il-verbal datat 17 ta’ April 1996.

Rat in-nota tal-attur datata 19 ta’ April 1996, a fol. 269, li permezz taghha prezenta affidavit tieghu stess.

Rat il-verbal datat 4 ta’ Gunju 1996, fejn Dr. Karmenu Mifsud Bonnici ghall-konvenuta ghamel referenza ghall-affidavit tal-attur ipprezentat fis-19 ta’ April 1996 u rrileva li *oltre* l-propjeta’ hemm imsemmija hemm ukoll fond Sqaq l-Imnieqa, Naxxar, zewg plots ohra fl-istess post u artijiet fil-Ghargur, wahda “Ta’ Natu”, u l-ohra “Ta’ Tabu” ukoll l-Ghargur. Il-konvenuta mpenjat ruhha li tipprezenta pjanti u kuntratti biex dawn jigu dentifikati. Il-Perit Legali fl-assenza tal-attur u d-difensur tieghu nfurmat lil Qorti li l-attur jikkontendi li m’ ghandhomx jigu smati peress li gia gew trasferiti fil-mori tal-kawza.

Rat il-verbal datat 5 ta’ Lulju 1996, fejn il-partijiet qablu li t-tlett fondi fi Sqaq l-Imnieqa Naxxar gew mibjugha mill-attur fl-4 ta’ Frar 1996 permezz ta’ kuntratt wiehed. Dr. Karmenu Mifsud Bonnici ghall-konvenuta rrileva li l-valur ndikati fl-imsemmi kuntratt ma jirriflettux il-valur rejali taghhom izda huma baxxi zjed. Dr. Lofaro ghall-attur rrileva li l-attur ittrasferixxa din il-proprejta’ meta seta’

jaghmel dan u b' titolu oneruz u ghalhekk l-attrici setghet biss tipprocedi in forza tal-istess ligi vigenti. Peress li l-attur ma jafx liema hi l-art "Ta' Natu" u lanqas jaf b' xi parti ohra mill-art tal-Fanal hlief dik stimata mill-Perit u ndikata fil-paragrafu 19 tar-rapport tieghu, il-Qorti ordnat lill-konvenuta biex tezebixxi pjanti u kuntratti dwar dawn il-propjetajiet li tallega li ma gewx stmati.

Rat ir-rikors tal-konvenuta B datat 5 ta' Lulju 1996, a fol. 278, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti biex tordna li zewgha jhallas mill-komunjoni u mid-dhul parafernali taghha s-somma tat-tlett elef lira maltin (Lm3,000).

Rat id-digriet datat 22 ta' Lulju 1996, fejn il-Qorti ordnat in-notifika lil kontro-parti bi zmien sitt ijiem ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-attur A datata 13 ta' Awissu 1996 a fol. 281 u fol. 282.

Rat id-digriet datat 29 ta' Ottubru 1996, fejn il-Qorti rriservat li tipprovdi fi stadju ulterjuri meta r-rikorrenti tindika xi proprjeta' tinbiegh fid-dawl tas-suggeriment relattiv maghmul mill-intimat.

Rat il-verbal datat 13 ta' Novembru 1996, fejn peress il-konvenuta *nonostante* l-verbal li ordnalha tebixxi l-pjanti u l-kuntratti u anke d-digriet tad-29 ta' Ottubru 1996 wara r-rikors taghha tal-5 ta' Lulju 1996, baqghet ma ottemperatx ruhha. Dehret ukoll il-Perit Legali li nfurmat lil Qorti li l-ahhar seduta mizmuma quddiemha kellha tigi sospiza minhabba insulti *da parte* tal-konvenuta li kienet ghad trid tkompli tixhed fuq notamenti li kellha.

Rat in-nota tal-konvenuta B, datata 12 ta' Dicembru 1996, a fol. 289.

Rat il-verbal datat 23 ta' April 1997, fejn id-difensuri tal-partijiet infurmaw lil Qorti li meta l-Perit Tekniku mar fuq il-proprjeta' r-rikors ma kienx disponibbli u ghalhekk gie fissat access iehor.

Rat il-verbal datat 11 ta’  Gunju 1997, fejn il-Qorti giet infurmat li l-Perit Tekniku kien ghamel l-access u kien wasal biex jirrelata.  Il-Qorti ghamlet referenza ghar-rikors tal-konvenuta dwar l-amwment tal-mantiment, izda peress lil id-difensuri ma kienux prezenti l-Qorti rriservat li tipprovdi kamarelment.

Rat il-verbal datat 2 ta’ Lulju 1997, fejn il-Qorti osservat li r-rapport tal-espert kien ghadu ma giex prezentat.

Rat il-verbal datat 29 ta’ Ottubru 1997, fejn l-espert talab aktar zmien ghar-relazzjoni.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku A.I.C. Rene Buttigieg minn fol. 564 sa fol. 585.

Rat il-verbal datat 19 ta’ Novembru 1997, fejn il-Perit Tekniku kkonferma r-relazzjoni u l-Perit Legali nfurmat lil Qorti li kienet ser tghaddi ghar-rapport.

Rat il-verbal datat 18 ta’ Frar 1998, fejn Dr. Karmenu Mifsud Bonnici ghall-konvenuta rrileva li l-Perit Tekniku kien ghamel stima tal-fondi Evita, Elizabeth, Cote et Cote fi Sqaq Imnieqa Gharghur bhala gebel u saqaf waqt li huma lesti.  Il-Qorti riservat li tisma’ ulterjament wara li jigi prezentat ir-rapport peritali.  Dr. Karmenu Mifsud Bonnici ghamel referenza ghar-rikorsi  dwar manteniment.  Il-Qorti halliet ir-rikorsi ghat-trattazzjoni fl-udjenza li jmiss.

Rat ir-rikors tal-konvenuta B, datat 6 ta’ Marzu 1998, a fol. 589A, fejn talbet li din il-Qorti sabiex tidderigi lil Perit Legali biex ma taccettax il-valuri msemmija fir-relazzjoni tal-Perit Tekniku A.I.C. Rene Buttigieg.

Rat il-verbal datat 29 ta’ April 1998.

Rat il-verbal datat 10 ta’ Gunju 1998, fejn Dr. Karmenu Mifsud Bonnici talab li l-persuna li qed tamministara l-proprjeta’ tal-komunjoni tghati redikont jew li l-attrici tinghata l-amminsitrazzjoni hi, jew sakemm tigi deciza din il-kawza jigi awmentat l-ammont tal-manteniment *stante* li diga’ gie accettat mill-kontro-parti li l-introjtu tieghu huwa

ta’ aktar minn ghaxart elef liri maltin (Lm10,000). Il-kawza giet differita biex l-attur jaghmel in-nota tas-sottomissjonijiet tieghu.

Rat il-verbal datat 7 ta’ Ottubru 1998, fejn il-Qorti solecat lil Perit Legali biex izomm is-seduti mehtiega.

Rat il-verbal datat 25 ta’ Novembru 1998, fejn Dr. Karmenu Mifsud Bonnici ghall-attrici rrileva li fid-dawl tal-introjtu sostanzjali li ghandu l-attur, l-ammont ta’ sittin lira (Lm60) skond id-digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili tat-23 ta’ Marzu 1992 m’ huwiex aktar adegwat u kien ser jipprezenta rikors f’ dan is-sens.

Rat il-verbal datat 15 ta’ Jannar 1999.

Rat il-verbal datat 3 ta’ Marzu 1999, fejn il-Qorti giet infurmata li l-konvenuta kienet iffirmat konvenju ghall-parti taghha mill-komunjoni tal-akkwisti ma’ Anton Camilleri u anke’ l-attur kien qabel mal-offerta li l-istess Camilleri ghamillu ghall-parti tieghu mill-komunjoni.

Rat il-verbal datat 12 ta’ Mejju 1999, fejn Dr. Karmenu Mifsud Bonnici ghall-konvenuta ghamel referenza ghar-rikors kongunt tat-23 ta’ April 1999. Il-Qorti wara li semghet lill-partijiet u lil Dr. Karmenu Mifsud Bonnici *stante* li ser jigi prezentat abbozz tat-trasferiment definittiv, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ dan ir-rikors.

Rat il-verbali datati 28 ta’ Mejju 1999, 30 ta’ Gunju 1999, 6 ta’ Ottubru 1999, 1 ta’ Dicembru 1999, 3 ta’ Marzu 2000, 10 ta’ Mejju 2000, 28 ta’ Gunju 2000, 3 ta’ Novembru 2000, 26 ta’ Jannar 2001, 16 ta’ Marzu 2001, u 6 ta’ Gunju 2001, 27 ta’ Gunju 2001, 10 ta’ Ottubru 2001, 16 ta’ Novembru 2001, 16 ta’ Jannar 2002, 23 ta’ Jannar 2002, 6 ta’ Marzu 2002 u 10 ta’ April 2002 dawn il-verbali kollha quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Franco Depasquale.

Rat il-verbal datat 24 ta’ April 2002, fejn il-Qorti giet infurmata mill-Perit Legali li r-rapport tal-Perit Tekniku kellu jkun lest fi zmien hmistax.

Rat il-verbal datat 8 ta’ Mejju 2002, 19 ta’ Gunju 2002, 26 ta’ Gunju 2002, 12 ta’ Lulju 2002, 8 ta’ Ottubru 2002, 19 ta’ Novembru 2002, 5 ta’ Dicembru 2002, 16 ta’ Jannar 2003, 4 ta’ Marzu 2003, 5 ta’ Mejju 2003 u 15 ta’ Mejju 2003.

Rat l-avviz tas-17 ta’ Marzu 2001 li biha din il-kawza giet differita ghal quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta.

Rat il-verbal datat 21 ta’ Ottubru 2003, fejn il-Perit Legali Dr. Peter Fenech halef ir-rapport.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Peter Fenech minn fol. 633 sa fol. 735.

Rat il-verbal datat 2 ta’ Dicembru 2003 , 13 ta’ Jannar 2004 u 25 ta’ Frar 2004.

Rat ir-rikors datat 16 ta’ Marzu 2004 tal-Avukat Dr. Marco Ciliberti, a fol. 740 fejn talab differiment.

Rat id-digriet datat 18 ta’ Marzu 2004, fejn il-Qorti provdit li tipprovdi *seduta stante.*

Rat il-verbal datat 25 ta’ Marzu 2004, fejn il-Perit Tekniku Alfred Camenzuli halef ir-rapport.

Rat ir-rikors tal-konvenuta B datat 24 ta’ Ottubru 2003, a fol. 744 fejn talbet bir-rispett illi jigu nominati periti addizzjonali.

Rat id-digriet datat 27 ta’ Ottubru 2003, fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontroparti bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat il-verbal datat 17 ta’ Gunju 2004 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-24 ta’ Frar 2005, bil-fakolta’ li d-difensuri jaghmlu noti t’ osservazzjonijiet b’ terminu ta’ sittin (60) gurnata ghal kull parti.  Il-Qorti cahdet kull talba ghal perit perizjuri.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta B, minn fol. 747 sa fol. 769.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur.

Rat l-atti kollha tal-kawzi l-ohra bejn il-partijiet inkluza dawk tal-kawza fl-ismijiet inversi Citaz. Numru 454/92/RCP deciza wkoll illum stess.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat ix-xhieda kollha prodotta anke fil-kawza fl-ismijiet inversi.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### I) APPREZZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI.

Illi l-attur A talab is-separazzjoni minn martu, fejn fost affarijiet ohra talab :

a. separazzjoni personali kagun ta` htija tal-konvenuta ;

b. l-applikazzjoni intera jew in parti tad-disposizzjonijiet tal-**artikoli 51 u 55 tal-Kodici Civili ;**

c. l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ;

d. s-somministrazzjoni ghaliha tar-retta alimentarja .

Illi l-konvenuta ppresentat nota ta` eccezzjonijiet u ppremetta li t-talbiet kellhom jigu respinti bl-ispejjes peress li kien l-attur ir-raguni tad-disgwid matrimonjali tal-partijiet.

Illi dwar ir-raguni ta' separazzjoni din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti gie konkludentement ippruvat li kien l-attur principarjament responsabbli ghall-firda personali ta' bejn

il-partijiet u fil-fatt mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur kien hati *verso* martu ta' eccessi, sevizzi, inkluzi swat, mohqrija, ingurji gravi, abbandun u adulterju li kawza ta' l-istess iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabilment, u ghalhekk jirrizulta li l-attur kien principarjament hati ghal din il-firda personali; fil-fatt wara li din il-Qorti ezaminat l-atti processwali kollha hija konvinta moralment li l-allegazzjonijiet kollha ta' mart l-attur, B fil-konfront ta' zewgha gew ilkoll kollha ppruvati inkluz dak li attur kien issawwat lill-konvenuta u mix-xhieda ta' l-istess konvenuta jirrizulta li dan ma kienux incidenti isolati, u s-sitwazzjoni baqghet l-istess sakemm l-attur abbanduna d-dar konjugali sabiex qabad relazzjoni adultera ma' certa Doris Bonett, ma min l-istess attur mar jghix wara li telaq lil martu. Gie wkoll ppruvat li l-attur ghamel diversi manicci sabiex approprja ruhhu minn flus u oggetti tal-komunjoni ta' l-akkwisti, inkluzi zbank ta' flus, u wkoll bejgh ta' proprjeta' bla ma ta ebda sehem lil martu. B'din is-sentenza din il-Qorti qed tittanta taddrizza l-istess sitwazzjoni; gie ukoll pruvat li l-istess A ghamel minn kollox sabiex ibaxxi lill-konvenuta anke fil-konfront tal-familjari taghha u ta' uliedha stess, u ghalhekk din il-Qorti thoss li l-ewwel talba attrici ma ghandhiex tigi milqugha ghar-ragunijiet indikati mill-attur *stante* li s-separazzjoni sehhet minhabba imputazzjonijiet attribwibbli lill-istess attur fil-konfront tal-konvenuta kif hawn indikat u deciz.

Illi ghalhekk jirrizulta li t-talba atttrici ghandha biss tigi milqugha billi tigi ddikjarata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur. Fil-fatt jirrizulta wkoll li l-allegazzjoniijiet ta' l-attur fil-konfront tal-konvenuta ma' gewx ippruvati ghas-sodisifazzjon ta' din il-Qorti ghalkemm certament li gie ippruvat li kien hemm inkompatibilita' ta' karattru bejn il-partijiet, li flimkien ma' l-agir abbuziz ta' l-attur fil-konfront ta' martu, rrendew l-konvivenza bejn il-partijiet impossibbli.

Illi it-tieni talba attrici ghandha tigi wkoll milqugha biss fis-sens li l-konvenuta rrinunzjat ghad-dritt ta' manteniment in forza ta' kuntratt pubbliku datat l-1 ta' Gunju 1999 fl-atti tan-Nutar Carmelo Mangion.

Illi fil-kuntest tat-tielet talba attrici din ghandha tintlaqa' fis-sens li x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti gja sehh fl-1 ta' Gunju 1999 in forza ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Carmelo Mangion u ghalhekk din il-Qorti tikkonferma x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti b'effett mill-1 ta' Gunju 1999 (*vide fol. 222* tal-process l-iehor u l-kuntratt relattiv maghmul bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti kif diversament presjeduta).

Illi kwantu ghall-likwidazzjoni u divizzjoni u assenjazzjoni tal-beni formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti din il-Qorti tinnota li parti sostanzjali mill-istess giet diviza u assenjata permezz ta' l-istess imsemmi kuntratt, u jonqos biss li jigi deciz l-assenjazzjoni tal-kumplament, li dwarhom kull parti ghamlet is-sottomissijonijiet taghha, tant li jiffiormaw il-mertu ta' perizji u noti ta' kritika tal-partijiet u ghalhekk din il-Qorti sejra tikkonsidra l-istess f'din is-sentenza.

Illi fl-ewwel lok jinghad li dwar il-punti CB11, CB12, CB13, EB29, din il-Qorti taqbel mal-konkuzzjonijiet peritali u qed taddotta l-istess inkluz li tali punti u oggetti huma koperti bil-ftehim indikat mill-istess perit legali u l-partijiet irrinzjaw ghal kull dritt spettanti lilhom fuq l-istess.

Illi fit-tieni lok dwar il-punti indikati fil-paragrafi 15, 16, 17, 18, 19, u 20 fir-relazzjoni peritali dawn ilkoll qed jigu michuda *stante* nuqqas ta' provi w ukoll huma infondati fil-fatt u fid-dritt – hafna minnhom fil-fatt juru b'mod car l-pika estrema ezistenti bejn il-partijiet.

Illi fit-tielet lok dwar il-likwidazzjoni u d-divizjoni ta' l-oggetti kollha appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti din il-Qorti, wara li hadhet in konsiderazzjoni l-provi kollha sottomessi mill-partijiet, r-rapport peritali u n-noti ta' kritika ta' l-istess rapport, tiddeciedi li l-kumplament tal-komunjoni ta' l-akkwisti li ghada ezistenti bejn il-partijiet ghandhom jigu divizi bl-mod segwenti:-

(a) Illi it-tmien t'elef (8,000) sehem tal-Mid Med Bank ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet, flimkien mad-

dividendi kollha li aggrixxew fuq l-istess ishma sad-data tad-divizjoni effettiva.

(b) Illi l-partijiet ghandhom ukoll jaqsmu ugwalment bejniethom l-ammont ta’ Lm1,000 depositati fl-Bank of Valletta plc.

**(c)** Illi l-poloz kollha ta’ asikurazzjoni indikati mill-perit legali u anke msemmija mill-konvenut a fol. 639 tal-process Citaz. Numru 414/92 ghandhom ukoll jigu lkoll likwidati u r-rikavat jinqassam bejn iz-zewg partijiet. (CB7).

**(d)** Illi l-konvenuta B qed tigi assenjata l-mobbli u l-ghamara kollha ezistenti fid-dar konjugali “l-Orangerie”, Triq l-Uqija, ta’ l-Ibragg, kif deskritti fir-rapport tekniku ta’ Alfred Camenzuli, u dan kif determinat wkoll mill-istess Perit Legali Dr. Peter Fenech, u din il-Qorti taddotta bhala taghha r-ragonament moghti mill-istess perit legali sabiex wassal ghal din il-konkuzzjoni b’dan li l-istess attur ghandu jigi kkompensat bl-ammont ta’ erbat elef lira Maltija (Lm4,000) li ghandhom jigu mhallsa lilu minn martu w ukoll il-konvenuta f’din il-kawza ghandha tikkonsenja lil zewgha tlett vazuni kbar hemm indikati. Ghall-fini ta’ pratticita’ dan l-ammont ser jigi mnaqqas mill-ammont ikbar li l-istess A qed jigi kkundannat li jaghti lil martu abbazi ta’ paragrafu (g) ta’ din is-sentenza.

(e) Illi A qed jigi assenjat l-mobbli kollha ezistenti fil-fond “Evita”, Sqaq Imnieqa, Naxxar, kollox kif deskritt mill-istess perit tekniku fl-imsemmi rapport tieghu u wkoll abbazi tar-ragonamenti maghmula mill-perit legali, li f’dan il-kaz din il-Qorti qieghda wkoll taddotta;

**(f)** Illi l-konvenuta B qed tigi assenjata l-vettura Peugeot 205 Reg. No. IAW – 098, filwaqt li r-ragel qed jigi assenjat l-vettura Reg. NO. CAS – 287, liema karozzi gja jinsabu fil-pussess rispettiv ta’ kull parti; il-karozza tal-marka Morris ghandha tinbiegh u r-rikavat jinqassam bejn il-partijiet f’porzjonijiet ugwali bejniethom;

(g) Illi l-attur A ghandu jhallas lil martu s-somma ta’ Lm5,356.50 rappresentanti nofs l-ammont tas-somma ta’

Lm10,731 li l-attur jammetti li zbanka meta telaq mid-dar konjugali, u ghalhekk din il-Qorti qed taccetta s-sottomissjonijiet tal-konvenuta f'dan ir-rigward u qed tirrigetta r-ragonament tal-perit legali f'dan il-kuntest; ma hemm l-ebda dubju li dawn kienu fondi tal-komunjoni li gew utilizzati biss mill-attur u l-konvenuta ghandha tigi kkompensata ghall-istess. Peress li l-konvenuta ghandha tghati lill-attur l-ammont ta' Lm4,000 kif indikat f'paragrafu (d) hawn indikat, jirrizulta li l-attur ghandu jhallas lil martu l-ammont ta' Lm1,356.50;

(h) Illi il-kreditu ta' l-attur kontra certu Joseph Doublesin skond skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu datata 8 ta' Marzu 1990 u li huwa insinwat fl-ammont ta' Lm16,000 ghandu jinqassam bejn il-partijiet kemm f'dak li huwa kapital u kemm f'dawk li huma interessi;

(i) Illi d-dejn kollu dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni bhala taxxa ghandhom jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet kif gie indikat mill-istess perit legali fir-relazzjoni tieghu;

(j) Illi tordna lil A sabiex ihallas lil B s-somma ta' sbatax il-elf, u hamsin lira Maltija (Lm17,050) rappresentanti sehem il-konvenuta mill-proprjetajiet li r-ragel biegh lil terzi u li huwa wahdu inkassa l-prezz taghhom u liema proprjetajiet gew indikati mill-perit legali f'paragrafu 26 tar-relazzjoni tieghu, u din il-Qorti taddota r-ragonament tal-perit legali f'dan ir-rigward;

(k) Illi kull dejn intavolat dovut lil Vincent u Alfred Borg qed jigi assenjat esklussivament lill-attur, li in verita' amministra huwa dejjem l-istess; filwaqt li kull dejn dovut lill-Ministeru ta' l-Ambjent kif indikat f'paragrafu 28 tar-relazzjoni peritali ghandu jinqassam bin-nofs bejn il-partijiet;

(l) Illi l-attur ghandu jhallas ukoll l-ammont ta' cens indikat fir-relazzjoni peritali b'effett minn Ottubru 1991 sad-data tas-sentenza bir-rata ta' Lm100 fis-sena u dan skond kif indikat f'paragrafu wiehed tar-relazzjoni peritali u kif ssottomettiet il-konvenuta f'ahhar paragrafu tal-faccata numru 13 tas-sottomissjonijiet attrici;

(m) kull pensjoni dovuta lil A ghandha tinqassam bin-nofs bejn il-partijiet b'dan li nofs l-istess pensjoni u allura kull pensjoni li tithallas lil l-istess attur ghandha tithallas lill-konvenuta u allura ghandha tinbaghat direttament lilha u ghalhekk ghal dan l-iskop kopja ta' din is-sentenza ghandha tigi notifikata lill-persuni u entitajiet li johorgu tali pensjoni sabiex jaderixxu ruhhom ma' l-istess;

(n) Illi l-attur ghandu jhallas ukoll l-ammont ta' elfejn, tmien mija u hamsin lira Maltija (Lm2,850) rappresentanti arretrati ta' manteniment kif ikkalkulati mill-perit legali f'paragrafu 3 tar-relazzjoni tieghu, b'dan li s-sottomissjonijet ta' kull parti qed jigu rigettati minn din il-Qorti;

(o) Illi l-attur ghandu wkoll ihallas lill-konvenuta l-ammont ulterjuri ta' tlett elef, tmien mija u disgha u hamsin lira Maltija (Lm3,859) rappresentanti sehma mis-somma kapitalizzata ta' pensjoni li l-attur ircieva, kollox abbazi ta' dak indikat mill-bravu perit legali fir-relazzjoni peritali tieghu f'paragrafu 4 ta' l-istess relazzjoni.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta in kwantu l-istess huma inkompetenti ma' dak hawn deciz, **u filwaqt li tichad it-tieni, l-hames, sitt u seba' talba attrici *stante* li mhux applikabbli ghall-kaz odjern u t-tieni u l-ahhar talba huma infondati fil-fatt u fid-dritt, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn premess** b'dan illi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba biss fis-sens hawn deciz u tippronunzja bejn il-kontendenti s-separazzjoni personali minhabba htijiet ta' l-attur u tiddikjara li l-istess attur kien hati *verso* l-konvenuta ta' eccessi, sevizzi, inkluzi swat, mohqrija, ingurji gravi, abbandun u adulterju li kawza ta' l-istess iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabilment, u ghalhekk jirrizulta li l-attur kien principarjament hati ghal din il-firda personali; tiddikjara wkoll li minhabba dan l-agir

ta’ l-attur u wkoll minhabba l-inkompatibilita’ ta’ karattru l-hajja konjugali ta’ bejn il-partijiet ma’ ghadhiex aktar possibbli;

2. Tichad din it-talba *stante* li mhux il-kaz li jigi ddikjarat li l-konvenuta iddekadiet mid-dritt ta’ manteniment kif mitlub mil-attur – izda l-konvenuta rrinunzjat ghall-istess abbazi tad-dikjarazzjoni taghha fil-kuntratt datat l-1 ta’ Gunju 1999;

3. Tilqa’ din it-talba u tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ta’ bejn il-partijiet u dan b’effett mill-1 ta’ Gunju 1999 u dan anke permezz ta’ kuntratt pubbliku ta’ l-istess data pubblikat minn Nutar Carmelo Mangion;

4. Tilqa’ din it-talba u tillikwida r-rimanti assi tal-komunjoni tal-akkwisti li kienet ezistenti bejn il-konjugi u tiddividi u tassenja l-istess skond kif indikat f’din is-sentenza b’dan illi tordna u tiddeciedi:-

(a) Illi it-tmien t’elef (8,000) sehem tal-Mid Med Bank ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet, flimkien mad-dividendi kollha li aggrixxew fuq l-istess ishma sad-data tad-divizjoni effettiva;

(b) Illi l-partijiet ghandhom ukoll jaqsmu ugwalment bejniethom l-ammont ta’ elef Lira Maltija (Lm1,000) depositati fl-Bank of Valletta plc;

(c) Illi l-poloz kollha ta’ assikurazzjoni indikati mill-perit legali u anke msemmija mill-konvenut a fol. 639 tal-process Citaz. Numru 414/92 ghandhom ukoll jigu lkoll likwidati u r-rikavat jinqassam bejn iz-zewg partijiet (CB7);

(d) Illi l-mara B qed tigi assenjata l-mobbli u l-ghamara kollha ezistenti fid-dar konjugali “l-Orangerie”, Triq l-Uqija, ta’ l-Ibragg, kif deskritti fir-rapport tekniku ta’ Alfred Camenzuli, u dan kif determinat ukoll mill-istess Perit Legali Dr. Peter Fenech, b’dan li A ghandu jigi kkompensat bl-ammont ta’ erbat elef lira Maltija (Lm4,000) li ghandhom jigu mhallsa lilu minn martu w ukoll l-istess B ghandha tikkonsenja lil zewgha tlett vazuni kbar hemm

indikati. Għall-fini ta' pratticita' dan l-ammont ser jiġi mnaqqas mill-ammont ikbar li l-istess A qed jiġi kkundannat li jagħti lil martu abbażi ta' paragrafu (g) ta' din is-sentenza;

(e) Illi A qed jiġi assenjat l-mobbli kollha eżistenti fil-fond "Evita", Sqaq Imnieqa, Naxxar, kollox kif deskritt mill-istess perit tekniku fl-imsemmi rapport tiegħu w ukoll abbażi tar-raġonamenti magħmula mill-perit legali, li f'dan il-każ din il-Qorti qiegħda wkoll taddotta;

(f) Illi B qed tiġi assenjata l-vettura Peugeot 205 Reg. No. IAW – 098, filwaqt li A qed jiġi assenjat l-vettura Reg. NO. CAS – 287, liema karozzi ġja jinsabu fil-pussess rispettiv ta' kull parti; il-karozza tal-marka Morris għandha tinbiegħ u r-rikavat jinqassam bejn il-partijiet f'porzjonijiet ugwali bejniethom;

(g) Illi A għandu jħallas lil B s-somma ulterjuri ta' ħamest elef, tlett mija, sitta u ħamsin Lira Maltin u ħamsin ċentezmu (Lm5,356.50) rappreżentanti nofs l-ammont tas-somma ta' għaxart elef, seba' mija u wieħed u tlettin Lira Maltin (Lm10,731) li r-raġel jammetti li żbanka meta telaq mid-dar konjugali. Peress li B għandha tagħti lil żewġha l-ammont ta' erbgħat elef Liri Maltin (Lm4,000) kif indikat f'paragrafu (d) hawn indikat, jirriżulta li A għandu jħallas lil martu l-ammont ta' elef, tlett mija u sitta u ħamsin Liri Maltin u ħamsin ċentezmu (Lm1,356.50);

(h) Illi il-kreditu ta' A kontra ċertu Joseph Doublesin skond skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu datata 8 ta' Marzu 1990 u li huwa insinwat fl-ammont ta' sittax-il elef Liri Maltin (Lm16,000) għandu jinqassam bejn il-partijiet kemm f'dak li huwa kapital u kemm f'dawk li huma interessi;

(i) Illi d-dejn kollu dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni bħala taxxa għandhom jitħallsu bin-nofs bejn il-partijiet kif ġie indikat mill-istess perit legali fir-relazzjoni tiegħu;

(j) Illi tordna lil A sabiex iħallas lil B s-somma ulterjuri ta' sbatax-il elf, u ħamsin lira Maltija (Lm17,050)

rappresentanti sehem B mill-proprjetajiet li A biegh lil terzi u li huwa wahdu inkassa l-prezz taghhom u liema proprjetajiet gew indikati mill-perit legali f'paragrafu 26 tar-relazzjoni tieghu, u din il-Qorti taddota r-ragonament tal-perit legali f'dan ir-rigward;

(k) Illi kull dejn intavolat dovut lil Vincent u Alfred Borg qed jigi assenjat esklussivament lil A, li in verita' amministra huwa dejjem l-istess; filwaqt li kull dejn dovut lill-Ministeru ta' l-Ambjent kif indikat f'paragrafu 28 tar-relazzjoni peritali ghandu jinqassam bin-nofs bejn il-partijiet;

(l) Illi A ghandu jhallas l-ammont ta' cens indikat fir-relazzjoni peritali b'effett minn Ottubru 1991 sad-data tas-sentenza bir-rata ta' mitt Lira Maltija (Lm100) fis-sena u dan skond kif indikat f'paragrafu wiehed tar-relazzjoni peritali;

(m) kull pensjoni dovuta lil A ghandha tinqassam bin-nofs bejn il-partijiet b'dan li nofs l-istess pensjoni u allura kull pensjoni li tithallas lil A ghandha tithallas lil B u allura ghandha tinbaghat direttament lilha u ghalhekk ghal dan l-iskop kopja ta' din is-sentenza ghandha tigi notifikata lill-persuni u entitajiet li johorgu tali pensjoni sabiex jaderixxu ruhhom ma' l-istess;

(n) Illi A ghandu jhallas ukoll l-ammont ulterjuri ta' elfejn, tmien mija u hamsin lira Maltija (Lm2,850) rappresentanti arretrati ta' manteniment kif ikkalkulati mill-perit legali f'paragrafu 3 tar-relazzjoni tieghu, b'dan li s-sottomissjonijet ta' kull parti qed jigu rigettati minn din il-Qorti;

(o) Illi fl-ahharnett A ghandu wkoll ihallas lil martu l-ammont ulterjuri ta' tlett elef, tmien mija u disgha u hamsin lira Maltija (Lm3,859) rappresentanti sehma mis-somma kapitalizzata ta' pensjoni li huwa rcieva, kollox abbazi ta' dak indikat mill-bravu perit legali fir-relazzjoni peritali tieghu f'paragrafu 4 ta' l-istess relazzjoni;

5. Tichad din it-talba *stante* li ma hemmx bzonnha;

6. Tichad din it-talba *stante* li ma hemmx bzonnha;

7. Tichad din it-talba *stante* li ma' tapplikax ghall-kaz *de quo*;

Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jibqghu a karigu ta' l-attur.

Illi *inoltre* minhabba li l-partijiet abbuzaw mill-proceduri quddiem din il-Qorti u dan huwa rifless kemm mill-mod li l-partijiet resqu l-provi taghhom u kif il-partijiet irregolaw il-gbir tal-provi u kif ukoll minhabba n-nuqqas ta' kull parti f'din il-kawza li tressaq il-provi taghha fi zmien ragonevoli u fit-termini ndikati mill-Qorti, tant li jirrizulta mill-verbali quddiem il-Qorti diversament presjeduta, u kif anke mis-seduti mizmuma quddiem dak li kienet il-Perit Legali, li nzammu diversi seduti izda provi ma tressqux mill-partijiet, b'dan li jirrizulta bla ebda dubju li z-zewg partijiet tawlu l-proceduri bla bzonn anke minhabba l-pika esegerata taghhom, u fil-fatt din il-kawza qed tinqata' biss illum wara kwazi tlettax-il sena u ghalhekk din il-Qorti b'applikazzjoni tal-**paragrafu 10 tal-Iskeda "A" tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** tordna lil kull parti thallas is-somma ta' elf lira Maltija (Lm1,000) bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, liema hlasijet ghandhom isiru minn kull parti fi zmien tlettin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------